# Il-Pittura tal-Kappellun tar-Rużarju fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan

*Tagħrif miġbur minn*

**Lino Borg u John Pullicino**

Meta tidħol fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan tilmaħ diversi episodji ta' pitturi minn diversi artisti magħrufin fosthom dik tal-kappellun tar-Rużarju li parti minnha hija xogħol tal-Profs. Emvin Cremona.

Kien fil-festa tal-Lunzjata ta' l-1976 li tlesta nofs is-suġġett tal-koppletta tal-Kappellun tar-Rużarju filwaqt li l-kumplament tal-pittura tlesta fis-sena ta' wara.

Din il-pittura ġġibilna quddiem għajnejna l-bidu u t-tmiem tal-fidwa tal-bniedem f'erba' episodji f'kumpless wieħed. Fl-ewwel wieħed naraw lil Kristu għarkobbtejh joffri lilu nnifsu lill-Missier Etern biex jiġi fid-dinja u jifdi lill-bniedem. Fit-tieni naraw lil Marija Santissima li nisslet lil binha Ġesù bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu. Fit-tielet hemm is-salib u xi nies jagħtu qima lil das-salib tar-redenzjoni, filwaqt li fl-aħħar episodju naraw lil Marija Santissima toffri lill-Missier Etern lil binha Ġesù mejjet wara li ttemm il-fidwa lill-bniedem

Għaddew diversi snin biex tkompla x-xogħol fuq il-pittura tal-kappellun tar-Rużarju, fil-fatt kien fl-1984 meta tlestew il-lunetti xogħol il-pittur Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi liema pittura li tikkonsisti f'erba' persunaġġi li huma Rut, Isabel u Rebekka lkoll persunaġġi nisa li jissemmew fl-antik testment li jiffiguraw lill-Madonna. Imbagħad hemm sitt profeti. Fuq iż-żewġ naħat tat-tieqa ta' fuq il-bieb hemm Osea u Żakkarija, fuq dawk ta' l-artal tar-Rużarju nsibu lil Danjel u Eżekjel u fuq dawk ta' l-artal ta' San Mikiel naraw lil Ġona u Sinfonija.

Meta tlesta x-xogħol komplut tal-pittura tal-kappellun tar-Rużarju l-editorjal tal-gazzetta Ħal Balzan kiteb hekk:



*Dehra ġenerali tal-ħsarat li ġarrbet il-Pittura tal-Kappellun tar-Rużarju fil-ġimgħa tal-Festa tal-Lunzjata 2006.*

*Fil-jum ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju 1984 kien jum li ser jitniżżel fl-istorja tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan, meta grupp ta' nies mill-Każin San Gabriel immexxija mill-Imgħallem Kola Borg, neħħew it-tavluni u t-travi li kien ilhom idallmu l-Kappellun tar-Rużarju għal bosta snin, billi dan l-armar kien qed ifixkel id-dawl li jidħol mit-twieqi kbar li hemm f'dan il-kappellun biex stajna naraw il-pittura l-ġdida fl-imsemmi kappellun. Il-Poplu Balzani ħa nifs twil ta' serħan, li issa sa fl-aħħar ra din l-opra mitmuma wara ħafna taqtih il-qalb.*

Kif jaf kulħadd fil-Ġimgħa tal-festa tal-Lunzjata, 2006 waqt il-funzjoni tat-tridu din il-pittura reġgħet mill-ġdid daħlet fl-istorja meta waqgħu partijiet minnha fl-art. Tistgħu timmaġinaw kif ħasdet lil dawk kollha li kienu preżenti fil-knisja.

Minnufih diversi nies bdew immiddu idejhom u l-ewwel ma sar kien li l-vara tal-Lunzjata tpoġġiet fil-kappellun tal-kurċifiss. Wara l-festa grupp ta' nies immexxija minn Mark Gera telgħu t-travi, fejn aktar tard poġġew il-fallakki. Biex seta' jinbeda x-xogħol u jintgħażel il-pittur kien hemm ħafna konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti. Ġie nkarigat għal dan ix-xogħol il-pittur Alfred Briffa. Ħajr għat-tħabrik tal-kappillan attwali Dun Kalċidon Vassallo kif ukoll lill-poplu Balzani li kkontribwixxa finanzjarjament biex naraw mill-ġdid il-pittura tal-koppletta lesta għall-okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata ta' din is-sena.

**Referenzi**

Gazzetta Ħal Balzan Lulju - Awwissu 1984.